MALTA

# QORTI ĊIVILI
# PRIM' AWLA
# (ĠURISDIZZJONI KOSTITUZZJONALI)

**ONOR. IMĦALLEF**
**JOSEPH R. MICALLEF**

Seduta tas-27 ta' Settembru, 2012

Rikors Numru. 24/2012

Charles Steven **MUSCAT**

vs

**AVUKAT ĠENERALI**

**Il-Qorti:**

Rat ir-Rikors imressaq fit-13 ta' April, 2012, li bih u għar-raġunijiet hemm imfissra, ir-rikorrent talab li l-Qorti (a) ssib li huwa ġarrab ksur tal-jeddijiet fundamentali tiegħu kif imħarsin bl-artikolu 39(1) tal-Kostituzzjoni tar-Repubblika ta' Malta (aktar 'il quddiem imsejħa "il-Kostituzzjoni") u bl-artikolu 6 tal-Konvenzjoni għall-Protezzjoni tad-Drittijiet tal-Bniedem u tal-Libertajiet Fundamentali (aktar 'il

quddiem imsejħa "il-Konvenzjoni") meta l-Qorti Kriminali ma laqgħetx it-talba tiegħu biex iressaq b'xhud lill-Onorevoli Ministru tal-Intern biex jixhed dwar min iffirma l-"*warrants*" li awtorizżaw lill-Kap tas-Servizzi tas-Sigurta' biex jissemma' u jinterċetta ("*tapping*") t-telefonati li saru lill-istess rikorrent; (b) tagħti r-rimedji li jidhrilha xierqa u opportuni, fosthom (ċ) li ssib li d-degrieti mogħtija mill-Qorti Kriminali fit-28 ta' Frar, 2012 u dak sussegwenti tat-2 ta' April, 2012, "huma difettużi billi ma tteħdux dawk is-salvagwardji neċessarji sabiex dan ikun proċess li jirrispetta d-dritt għal smiegħ xieraq". Talab ukoll l-ispejjeż;

Rat id-degriet tagħha tas-16 ta' April, 2012, li bih ordnat in-notifika tal-atti lill-intimat u qiegħdet ir-Rikors għas-smigħ għas-26 ta' April, 2012;

Rat it-Tweġiba mressqa mill-intimat Avukat Ġenerali fil-25 ta' April, 2012, li biha laqa' għall-azzjoni tar-rikorrent billi, b'mod preliminari, qal li r-rikorrent qiegħda jabbuża mill-proċess straordinarju tar-rimedju kostituzzjonali meta sata' jinqeda b'rimedju ordinarju waqt li kienet miexja l-proċedura kontrih fl-istadju tal-Istruttorja, minbarra li għad fadallu rimedju proċedurali ieħor taħt l-artikolu 406 tal-Kodiċi Kriminali li fih għadu jista' jitlob is-smigħ ta' xhud ġodda wara li tressaq l-Att tal-Akkuża kontrih, u għalhekk l-esponenti jistieden lill-Qorti biex tagħżel li ma twettaqx is-setgħat tagħha li tisma' l-kawża skond il-*proviso* tal-artikolu 46(2) tal-Kostituzzjoni u l-*proviso* tal-artikolu 4(2) tal-Kapitolu 319 tal-Liġijiet ta' Malta. B'mod preliminari wkoll, laqa' billi qal li r-rikorrent jinsab akkużat b'reati quddiem il-Qorti Kriminali, iżda l-każ tiegħu għadu ma ntemmx u għalhekk, l-azzjoni tar-rikorrent saret qabel waqtha għaliex biex il-kwestjoni tan-nuqqas ta' smigħ xieraq tista' tassew titqies kif imiss, wieħed irid jaraha fil-qafas tal-proċediment sħiħ wara li jkun intemm u mhux meta l-proċess ghad irid isir. Żied jgħid ukoll li l-azzjoni tar-rikorrent hija waħda fiergħa u maħsuba biss biex iddejjaq kif jgħid l-artikolu 46(5) tal-Kostituzzjoni, u dan għaliex b'din il-kawża huwa qiegħed jipprova jikseb appell minn provvediment (dak dwar l-ammissibilita' ta' xhud bħala prova) li l-liġi ma tagħtix appell minnu f'dan l-istadju.

Fil-mertu, laqa' billi qal li r-rikorrent ma ġarrab l-ebda ksur ta' xi jedd fundamentali tiegħu għal smigħ xieraq, u dan la taħt il-Kostituzzjoni u lanqas taħt il-Konvenzjoni, u dan billi lkaż tiegħu qiegħed jinstema' quddiem qorti imparzjali mwaqqfa bis-saħħa ta' liġi, billi l-provvediment mogħti minn dik il-Qorti kien wieħed skond il-liġi u l-fatt li ma għoġobx lir-rikorrent ma jfissirx li b'daqshekk seħħ ksur ta' jedd fundamentali. Il-liġi li tirregola l-ħruġ tal-mandati li jawtorizzaw l-interċettazzjoni ta' telefonati[1] tagħti li, f'każ ta' urġenza, tali mandat jista' jinħareġ minn uffiċjal anzjan tal-Gvern. Żied jgħid li, qabel ma l-Qorti Kriminali tat il-provvediment kontestat mir-rikorrent, kienet semgħet is-sottomissjonijiet tal-partijiet u bl-ebda mod ma kisret il-prinċipju tal-preżunzjoni tal-innoċenza tiegħu. L-intimat iqis li din il-proċedura hija biss tentativ min-naħa tar-rikorrent biex itawwal il-proċeduri mibdija kontrih u jfixkel is-smigħ tal-każ tiegħu fil-Ġuri[2], ħsieb li l-Qorti Kriminali jidher li wkoll intebħet bih meta tat il-provvediment tagħha issa attakkat mir-rikorrent f'din il-kawża. Fuq kollox, iżid jgħid li r-rikorrent innifsu diġa' indika lill-Onorevoli Ministru bħala wieħed mix-xhud tad-difiża fil-proċess li qiegħed isir quddiemu, u li l-imsemmija mandati tressqu fl-atti proċesswali b'ordni ta' qorti fuq insistenza tad-difiża, u għalhekk ma hemm xejn li jista' jwassal biex dawk il-provi jitqiesu bħala inammissibbli fil-każ li qiegħed jitmexxa kontra r-rikorrent;

Rat id-degriet tagħha tat-2 ta' Mejju, 2012[3], li bih ordnat li, qabel kull ħaġa oħra, kellha tistħarreġ iż-żewġ eċċezzjonijiet preliminari li kienu jitolbuha tqis jekk għandhiex tastjeni milli twettaq is-setgħat tagħha taħt l-artikolu 46(2) tal-Kostituzzjoni u l-artikolu 4(2) tal-Kapitolu 319 tal-Liġijiet ta' Malta u li l-azzjoni tar-rikorrent kienet waħda fiergħa u vessatorja skond l-artikolu 46(5) tal-Kostituzzjoni. Wara li l-partijiet għarrfuha li ħadd minnhom ma kellu provi aktar xi jressaq dwar dawk iż-żewġ eċċezzjonijiet preliminari, tathom żmien biex iressqu, kif talbu, s-sottomissjonijiet tagħhom bil-miktub;

---

[1] Art. 8(1)(b) tal-Kap 391
[2] Att tal-Akkuża 47/2010 fl-ismijiet "*Ir-Repubblika ta' Malta kontra Charles Steven Muscat*"
[3] Paġ. 15 tal-proċess

Rat in-Nota mressqa mill-intimat fit-3 ta' Mejju, 2012, bid-dokumenti mehmużin magħha;

Rat in-Nota ta' Sottomissjonijiet imressqa mill-intimat Avukat Ġenerali fl-4 ta' Ġunju, 2012[4], dwar l-imsemmija żewġ eċċezzjonijiet preliminari tiegħu;

Rat in-Nota ta' Sottomissjonijiet imressqa mir-rikorrent fis-6 ta' Ġunju, 2012[5], bi tweġiba għal dik tal-intimat dwar l-istess żewġ eċċezzjonijiet;
Semgħet is-sottomissjonijiet ulterjuri tal-avukat tal-intimat;

Rat l-atti kollha tal-kawża;

Rat id-degriet tagħha tal-20 ta' Ġunju, 2012, li bih ħalliet il-kawża għas-sentenza dwar l-imsemmija żewġ eċċezzjonijiet preliminari;

***Ikkunsidrat:***

Illi din hija azzjoni dwar ilment ta' ksur tal-jedd fundamentali ta' smigħ xieraq f'kawża quddiem qorti. Ir-rikorrent jgħid li huwa ġarrab dan il-ksur, kemm taħt il-Kostituzzjoni u kif ukoll taħt il-Konvenzjoni, meta qorti li quddiemha kien qiegħed jinstema' każ tiegħu ċaħditlu t-talba li jressaq xhud biex jikkonferma l-firma tiegħu fuq provi dokumentali li diġa' jinsabu fl-att tal-każ;

Illi għal din l-azzjoni, l-intimat laqa' b'għadd ta' eċċezzjonijiet preliminari u wkoll fil-mertu;

Illi s-sentenza tal-lum qiegħda tingħata dwar tnejn mill-imsemmija eċċezzjonijiet preliminari, u jiġifieri jekk kemm-il darba din il-Qorti jmisshiex tagħżel li ma twettaqx is-setgħat "kostituzzjonali" tagħha biex ma tismax il-każ, ladarba r-rikorrent kellu u għad għandu rimedji "ordinarji" li jista' jinqeda bihom biex jindirizza l-ilment tiegħu (it-tielet paragrafu tar-Risposta); u l-eċċezzjoni li l-azzjoni tar-

[4] Paġġ. 33 – 9 tal-proċess
[5] Paġġ. 40 sa 52 tal-proċess

rikorrent hija waħda fiergħa u maħsuba biss biex iddejjaq (il-ħames paragrafu tar-Risposta);

Illi għalkemm iż-żewġ eċċezzjonijiet huma, mix-xejra tagħhom, ta' sura legali, u l-ebda parti ma offriet li tressaq provi dwarhom, jidher xieraq li jissemmew xi fatti rilevanti li joqogħdu għall-każ. Dan qiegħed jingħad ukoll minħabba li, f'xi każijiet, ikun xieraq li qabel ma l-Qorti tgħaddi biex tqis eċċezzjonijiet bħal dawn, ikollha quddiemha mqar il-qafas taċ-ċirkostanzi li jgħinha ssawwar fehma mad-daqqa t'għajn tal-istedina li tkun qiegħda ssirilha min-naħa tal-intimat li jqanqal eċċezzjonijiet ta' din l-għamla[6]. L-istess jgħodd fil-każ ta' eċċezzjoni li tgħid li l-kawża tkun saret b'mod fieragħ u sempliċiment biex iddejjaq;

Illi f'dan il-każ, il-provi li tressqu kienu biss dawk dokumentali mressqin mill-intimat, wara li deher li r-rikorrent ma kien se' jressaq l-ebda prova, lanqas l-atti li hu nnifsu jsemmi bħala r-raġuni tal-ilment tiegħu;

Illi minn dawn il-ftit provi joħroġ li r-rikorrent kien wieħed minn għadd ta' persuni li, għall-ħabta tal-2002, kienu tressqu lkoll flimkien quddiem il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti Istruttorja, mixlija b'attivitajiet marbuta ma' traffikar ta' droga. Waqt smigħ minnhom quddiem dik il-Qorti li nżamm f'Novembru tal-2002, ħareġ li l-ħidma tal-Pulizija seħħet bis-saħħa ta' interċettazzjonijiet telefoniċi li fihom kienu nvoluti l-persuni mixlija. Degriet mogħti minn dik il-Qorti dak inhar, ordna lill-Kap tas-Servizzi tas-Sigurta' ta' Malta biex iressaq quddiemha kopja tal-mandati ("*warrants*") kollha li kienu jirrigwardaw lill-imputati kollha u li bis-saħħa tagħhom saru l-imsemmija interċettazzjonijiet. Ix-xhud Kap tas-Servizzi tas-Sigurta' ta' Malta qagħad għal dak l-ordni: huwa ressaq fl-atti d-dokumenti li ordnatlu l-Qorti, fosthom il-mandat li jolqot lir-rikorrrent[7];

---

[6] Kost. **23.6.2006** fil-kawża fl-ismijiet ***Brian Vella vs L-Avukat Ġenerali et***

[7] Sadattant, l-intimat Avukat Ġenerali kien fetaħ żewġ kawżi quddiem il-Qrati Ċivili biex jikkontesta l-imsemmi ordni tal-Qorti tal-Maġistrati u jitlob it-tħassir tiegħu [fiż-żewġ każi - 86/06JRM maqtugħa fid-9.12.2011 (appellata) u 203/09GCD maqtugħa fil-1.3.2011 u konfermata mill-Qorti tal-Appell fl-24.2.2012 – it-talba tiegħu ma ntlaqgħetx] u t-tneħħija tal-mandati mill-atti proċesswali

Illi l-proċediment kontra l-imputati baqa' miexi u l-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti Istruttorja, sabet li kien hemm elementi biżżejjed biex l-imputati jitqiegħdu taħt Att tal-Akkuża. Fit-13 ta' Settembru, 2010[8], inħareġ l-Att tal-Akkuża kontra r-rikorrent. Flimkien mal-imsemmi Att tal-Akkuża, tressqet ukoll Nota b'lista ta' xhieda u ta' dokument li l-Prosekuzzjoni kien fi ħsiebha tressaq kontrih quddiem il-Qorti Kriminali. Ir-rikorrent ressaq Nota tal-Eċċezzjonijiet tiegħu fit-30 ta' Settembru, 2010, li magħha kien hemm mehmuża wkoll Nota bl-ismijiet tax-xhieda li fi ħsiebu jressaq fid-difiża tal-każ tiegħu;

Illi b'rikors imressaq quddiem il-Qorti Kriminali fl-għoxrin (20) ta' Frar, 2012, ir-rikorrent talab li għas-smigħ tas-27 ta' Marzu, 2012, (meta kienet sejra ssir it-trattazzjoni tal-eċċezzjonijiet preliminari mqajma fin-Nota tiegħu) iressaq b'xhud tiegħu lill-Onorevoli Tonio Borġ, Ministru tal-Intern fiż-żmien li nħarġu l-mandati relattivi. Dik it-talba ma ntlaqgħetx b'degriet tal-Qorti Kriminali tat-28 ta' Frar, 2012[9]. Ir-rikorrent ressaq rikors ieħor fis-26 ta' Marzu, 2012, quddiem l-imsemmija Qorti biex tibdel *contrario imperio* l-ewwel degriet tagħha, iżda dik it-talba wkoll ma ntlaqgħetx b'degriet mogħti fit-2 ta' April, 2012[10];

Illi fit-13 ta' April, 2012, infetħet din il-kawża;

Illi l-Qorti tqis li l-eċċezzjonijiet li għandha quddiemha huma t-tnejn ta' sura preliminari u l-<u>konsiderazzjonijiet legali</u> marbutin magħhom jitolbu tabilfors li l-Qorti tqishom fid-dawl tal-istadju bikri li fih għadu jinsab il-każ imressaq quddiemha. Jidhrilha li jixraq li tqis iż-żewġ eċċezzjonijiet fl-ordni li ngħataw, għaliex f'każ li ssib li l-ewwel minnhom hija tajba, ma jkunx hemm għalfejn tistħarreġ ukoll is-siwi tat-tieni waħda;

Illi l-Qorti tħoss li huwa tajjeb li tippreċiża minnufih li l-qofol kollu tal-ilment tar-rikorrent jirrigwarda d-degriet mogħti mill-Qorti Kriminali fit-28 ta' Frar, 2012, li ċaħad it-talba tar-rikorrent li jressaq lill-Onorevoli Ministru b'xhud tiegħu

---

[8] Dok "A", f'paġġ. 17 sa 20 tal-proċess
[9] Dok "B", f'paġ. 28 tal-proċess
[10] Dok "Ċ", f'paġ. 29 tal-proċess

u tad-degriet tat-2 ta' April, 2012, li ma laqax it-talba tar-rikorrent biex il-Qorti tibdel il-fehma tagħha *contrario imperio*. Għalhekk, il-Qorti sejra tillimita l-istħarriġ tagħha biss fuq dan il-qafas, u m'hijiex sejra tidħol fuq kwestjonijiet oħrajn marbuta mal-każ, biex ma tkunx qiegħda tiddeċiedi aktar minn dak mitlub jew lil hinn minn dak li huwa tassew l-ilment tar-rikorrent;

Illi **dwar l-eċċezzjoni li l-Qorti għandha tagħżel li ma twettaqx is-setgħat tagħha biex tisma' u tqis l-ilment tar-rikorrent**, irid jingħad li l-intimat isejjisha fuq il-fatt li r-rikorrent kellu u għad fadallu rimedji proċedurali "ordinarji" oħrajn li jista' jinqeda bihom biex jindirizza l-ilment tiegħu fil-proċess li għadu għaddej u ma ngħatat l-ebda sentenza fil-konfront tiegħu;

Illi kif ingħad għadd ta' drabi, l-eżistenza ta' rimedju ieħor lill-parti li tressaq azzjoni ta' allegat ksur ta' jedd fondamentali taħt il-Kostituzzjoni jew taħt il-Konvenzjoni għandha tirriżulta lill-Qorti bħala **stat ta' fatt attwali u oġġettiv**, u d-diskrezzjoni li tista' twettaq il-Qorti biex ma teżerċitax is-setgħat tagħha "jekk tqis li jkun desiderabbli li hekk tagħmel" minħabba l-eżistenza ta' rimedju ieħor hija deċiżjoni fuq tali **stat ta' fatt.** Kemm hu hekk, huwa biss meta jew jekk jirriżulta lill-Qorti bħala fatt li (kien) jeżisti rimedju ieħor effettiv lir-rikorrent li l-Qorti tista' tiddelibera jekk għandhiex twarrab milli teżerċita s-setgħat tagħha li tisma' l-ilment imressaq quddiemha[11]. F'każ li ma jirriżultax li kien hemm rimedju ieħor xieraq, il-Qorti trid tieħu konjizzjoni tal-ilment, u f'każ li kien hemm rimedju ieħor, il-Qorti xorta waħda jibqagħlha s-setgħa li tiddeċiedi li ma ċċediex l-eżerċizzju tas-setgħa tagħha;

Illi ma jrid bl-ebda mod jintesa li d-diskrezzjoni li l-Qorti għandha f'dan ir-rigward trid titwettaq b'mod korrett u mmirata lejn l-iskop li l-leġislatur ried li jilħaq biha: jiġifieri, li filwaqt li ma jitħallewx isiru kawżi kostituzzjonali bla bżonn, min-naħa l-oħra ma jiġrix li, minħabba tħaddim "liberali" tad-diskrezzjoni, persuna tinżamm milli tmexxi 'l quddiem azzjoni bħal din meta jkun jidher li l-każ huwa

[11] Ara Kost. **31.5.1999** fil-kawża fl-ismijiet ***Żahra vs Awtorita' tal-Ippjanar*** (Kollez. Vol: **LXXXIII.i.179**)

wieħed serju li jimplika t-telf jew tnaqqir ta' jedd fondamentali għal dik il-persuna. Kif ingħad b'għaqal f'dan ir-rigward, din id-diskrezzjoni għandha dejjem tiġi wżata fl-aħjar interess tal-amministrazzjoni tal-ġustizzja biex, min-naħa l-waħda, il-Qrati ta' indoli kostituzzjonali ma jsibux ma' wiċċhom kawżi li messhom jew setgħu tressqu quddiem Qrati oħrajn kompetenti jew li dwarhom messhom jew setgħu jitfittxu rimedji oħrajn effettivi, u biex, min-naħa l-oħra, persuna ma tiġix imċaħħda mir-rimedji li għandha jedd tfittex taħt il-Kostituzzjoni jew taħt il-Kap 319 tal-Liġijiet ta' Malta[12] lil min ġenwinament ifittex rimedju kostituzzjonali[13];

Illi meta jingħad li jkun hemm rimedju ieħor xieraq, dejjem ikun qiegħed jitfisser li tali rimedju jrid jitqies fid-dawl tal-ksur tal-jedd fondamentali li jkun qed jiġi allegat li nkiser jew li jkun mhedded li sejjer jinkiser: għandu jkun rimedju aċċessibbli, xieraq, effettiv u adegwat biex jindirizza l-ksur jew theddid ta' ksur lamentat[14]. M'hemmx għalfejn li, biex jitqies bħala effettiv, ir-rimedju jintwera bħala wieħed li se' jagħti lir-rikorrent suċċess garantit, biżżejjed li jintwera li jkun wieħed li jista' jiġi segwit b'mod prattiku, effettiv u effikaċi[15]. Fuq kollox, ir-rimedju "ordinarju" mogħti jgħodd ukoll fejn dan jingħata bis-saħħa ta' liġi, imqar jekk biex jindirizza ksur ta' jedd fundamentali li diġa' seħħ jew li x'aktarx iseħħ[16];

Illi joħroġ ukoll li l-eżistenza ta' rimedju "ordinarju" trid tkun murija kif imiss minn min iqanqal l-eċċezzjoni. F'dan il-każ, kien l-intimat li qajjem l-eċċezzjoni li r-rikorrent naqas li jinqeda b'rimedji oħra li kellu għad-dispożizzjoni tiegħu, u huwa għalhekk dmir tiegħu li jipprova li r-rikorrent tassew kellu dak ir-rimedju u li naqas li jinqeda bih jew li għadu jista' jinqeda bih;

---

[12] Kost. **27.2.2003** fil-kawża fl-ismijiet ***John Sammut vs Awtorita' tal-Ippjanar et***

[13] Kost. **31.10.2003** fil-kawża fl-ismijiet ***Mediterranean Film Studios Limited vs Korporazzjoni għall-Iżvilupp ta' Malta et***

[14] Ara Kost **5.4.1991** fil-kawża fl-ismijiet ***Vella vs Kummissarju tal-Pulizija et*** (Kollez. Vol: **LXXV.i.106**)

[15] P.A. Kost. **9.3.1996** fil-kawża fl-ismijiet ***Clifton Borġ vs Kummissarju tal-Pulizija*** (mhix pubblikata)

[16] Kost. **11.4.2011** fil-kawża fl-ismijiet ***Joseph Brincat et vs Policy Manager ta' Malta Shipyards et***

Illi f'dan ir-rigward ingħad li "*Remedies must be real and practical and not theoretical or illusory, e.g. genuine fear of reprisals, intimidation. Account will be taken not only of the personal circumstances of the applicant, but the general legal and political context in which the alleged remedies operate. An unduly formalistic approach is not to be taken by the Convention organs which will apply a certain degree of flexibility. Remedies must be effective, i.e. capable of providing redress for the complaint...; the speed of the procedure may also be relevant to its effectiveness; the remedy must be capable of remedying directly the state of affairs; form part of the normal process of redress and involving normal use of the remedy...; be accessible...; offer reasonable prospects of success; a mere doubt as to the prospect of success in going to court does not exempt from exhaustion. Where case-law is unclear, contradictory or in the process of ongoing interpretation, an applicant may be expected to pursue an action or appeal which allows the courts to rule on the issues. ... Also, if there is more than one remedy available, an individual is not required to try more than one; an applicant is generally not required to try the same body again by way of a repeated request or application*"[17]. Dawn ir-regoli joqogħdu wkoll għall-każ tal-lum u b'żieda ma' dak li ngħad aktar qabel;

Illi, madankollu, l-eżistenza ta' rimedju ieħor trid titqies fiż-żmien tal-allegat ksur tal-jedd fondamentali li dwaru jitressaq l-ilment, u mhux fiż-żmien li jkun tressaq l-ilment kostituzzjonali jew konvenzjonali[18]. M'huwiex mogħti lil persuna l-benefiċċju li l-ewwel tħalli jgħaddi għalxejn iż-żmien li fih setgħet tieħu r-rimedju għall-ksur tal-jedd tagħha, u mbagħad tressaq ilment kostituzzjonali jew konvenzjonali dwar l-istess ksur bħallikieku l-proċedura kostituzzjonali jew konvenzjonali kienet xi rimedju *in extremis* li wieħed jista' jirrikorri għalih biex isewwi żball jew nuqqas li ma messux twettaq qabel[19];

---

17 K Reid <u>*A Practitioner's Guide to the European Convention on Huma Rights*</u> (3rd. Edit, 2007) §I-040, pġ. 31 – 2

18 Kost.**9.10.2001** fil-kawża fl-ismijiet ***Paul McKay vs Kummissarju tal-Pulizija et***

19 Ara Kost. **25.6.1999** fil-kawża fl-ismijiet ***Spiteri vs Chairman Awtorita' tal-Ippjanar et*** (Kollez. Vol: **LXXXIII.i.201**)

Illi huwa mgħallem ukoll li "*it is not only judicial remedies which must be sought, but every remedy under national law which may lead to a decision that is binding on the authorities, including the possibility of appeal to administrative bodies, provided that the remedy concerned is adequate and effective*"[20];

Illi f'għadd ta' sentenzi mogħtijin f'dawn l-aħħar snin mill-Qorti Kostituzzjonali, ġew stabiliti prinċipji li għandhom jiġu segwiti minn Qorti biex tqis jekk huwiex minnu li r-rikorrent kellu għad-dispożizzjoni tiegħu rimedju alternativ effettiv. Fost dawn il-prinċipji wieħed isib li (a) meta jidher ċar li jeżistu meżżi ordinarji disponibbli għar-rikorrent biex jikseb rimedju għall-ilment tiegħu, ir-rikorrent għandu jirrikorri għal tali meżżi qabel ma jirrikorri għar-rimedju kostituzzjonali, u huwa biss wara li jkun fittex dawk il-meżżi jew wara li jidher li dawk il-meżżi ma jkunux effettivament disponibbli li għandu jintuża r-rimedju kostituzzjonali; (b) li d-diskrezzjoni li tuża l-Qorti biex tqis jekk għandhiex twettaq is-setgħat tagħha li tisma' kawża ta' natura kostituzzjonali għandha torbot, sakemm ma tinġiebx xi raġuni serja u gravi ta' illegalita', inġustizzja jew żball manifest fl-użu tagħha; (ċ) m'hemm l-ebda kriterju stabilit minn qabel dwar l-użu tal-imsemmija diskrezzjoni, billi kull każ jeħtieġ jiġi mistħarreġ fuq iċ-ċirkostanzi tiegħu; (d) in-nuqqas waħdu ta' teħid ta' meżżi ordinarji mir-rikorrent m'huwiex raġuni biżżejjed biex Qorti ta' xejra kostituzzjonali taqtagħha li ma tużax is-setgħat tagħha li tisma' l-ilment, jekk jintwera li l-imsemmija meżżi ma kinux tajbin biex jagħtu rimedju sħiħ lir-rikorrent għall-ilment tiegħu; (e) in-nuqqas ta' teħid ta' rimedju ordinarju – ukoll jekk sata' kien għal kollox effettiv biex jindirizza l-ilment tar-rikorrent - minħabba l-imġiba ta' ħaddieħor m'għandux ikun raġuni biex il-Qorti twarrab is-setgħat tagħha li tisma' l-ilment kostituzzjonali tar-rikorrent[21]; (f) l-eżerċizzju minn Qorti (tal-ewwel grad) tad-diskrezzjoni tagħha bla ma tistħarreġ il-materja neċessarja li fuqha tali diskrezzjoni għandha titwettaq, jagħti lil Qorti tat-tieni grad

[20] Van Dijk, van Hoof, van Rijn, Zwaak <u>*Theory & Practice of the European Convention on Human Rights*</u> (4th. Edit, 2006), pġ. 133

[21] P.A. (Kost.) VDG **9.2.2000** fil-kawża fl-ismijiet ***Victor Bonavia vs L-Awtorita' tal-Ippjanar et***

is-setgħa li twarrab dik id-diskrezzjoni[22]; u (ġ) meta r-rimedju jaqa' fil-kompetenza ta' organu ieħor jew meta s-smigħ tal-ilment tar-rikorrent se' jwassal biex l-indaġni ġudizzjarja u l-proċess l-ieħor tas-smigħ tar-rimedju ordinarju jkunu duplikazzjoni ta' xulxin, il-Qorti kostituzzjonali għandha ttendi lejn ir-rifjut li tuża s-setgħat tagħha kostituzzjonali, sakemm l-indaġni ġudizzjarja tal-każ ma tkunx, min-natura tagħha, ixxaqleb iżjed lejn kwestjoni kostituzzjonali[23];

Illi d-diskrezzjoni li l-Qorti tagħżel li tieħu jekk twettaqx jew le s-setgħat tagħha kostituzzjonali biex tisma' kawża għandha tiġi eżerċitata bi prudenza, b'mod li fejn jidher li hemm jew sejjer ikun hemm ksur serju ta' drittijiet fondamentali, l-Qorti xxaqleb lejn it-twettiq ta' dawk is-setgħat[24];

Illi l-intimat jgħid li r-rimedju li r-rikorrent seta' jinqeda bih kien jikkonsisti fil-jedd li huwa sata' talab lill-Qorti tal-Maġistrati bħala Qorti Istruttorja li tħallih iressaq lill-Ministru b'xhud tiegħu (liema rimedju r-rikorrent ma nqediex bih) u wkoll li jitlob lill-Qorti Kriminali, issa li tressaq l-Att tal-Akkuża kontrih, biex iressaq xhieda ġodda taħt id-dispożizzjonijiet tal-artikolu 406 tal-Kodiċi Kriminali[25]. Ir-rikorrent jikkontesta bil-qawwa l-argumenti tal-intimat. Huwa jgħid li kien il-jedd tiegħu li, bħala l-persuna mixlija, ma jagħmel xejn biex jipprova l-innoċenza tiegħu u, għalhekk, il-fatt li seta' għażel li jressaq lill-Ministru fl-istadju tal-kumpilazzjoni u ma għamilx dik l-għażla ma jistax jintuża issa kontra tiegħu;

Illi l-Qorti ma tistax tħares b'simpatija lejn dan l-argument. Filwaqt li temmen bis-sħiħ li, bħala regola[26], persuna mixlija b'reat m'għandha l-ebda ħtieġa li tipprova l-innoċenza tagħha (wara kollox, il-prinċipju għandu jkun li

---

[22] Ara Kost. **7.3.1994** fil-kawża fl-ismijiet ***Vella vs Bannister et*** (Kollez. Vol: **LXXVIII.i.48**) u Kost. **12.12.2002** fil-kawża fl-ismijiet ***Visual & Sound Communications Ltd. vs Il-Kummissarju tal-Pulizija et***

[23] P.A. Kost **29.10.1993** fil-kawża fl-ismijiet ***Martin Gaffarena vs Kummissarju tal-Pulizija*** (mhix pubblikata)

[24] Kost. **14.5.2004** fil-kawża fl-ismijiet ***David Axiaq vs Awtorita' Dwar it-Trasport Pubbliku***

[25] F'dikjarazzjoni li saret mill-għaref difensur tal-intimat waqt it-trattazzjoni ulterjuri tal-każ, intwera li r-rimedju mogħti lir-rikorrent ma kienx taħt l-artikolu 406 tal-Kodiċi Kriminali.

[26] Jingħad 'bħala regola' għaliex hemm ċirkostanzi fejn jaqa' fuq il-persuna mixlija ċertu qlib fil-piż tal-provi

l-persuna titqies innoċenti sakemm ma jirriżultax mod ieħor), lanqas ma hija ħaġa sewwa li dik l-istess persuna (jew id-difensur tagħha li jkun qiegħed jidher għaliha) tħalli ċerti ħwejjeġ jgħaddu matul il-proċediment, biex imbagħad, wara l-fatt, tqanqal il-kwestjoni tan-nuqqas ta' smigħ xieraq tal-istess proċeduri. Il-Qorti jidhrilha li r-regola li l-persuna mixlija m'għandhiex għalfejn tipprova l-innoċenza tagħha ma jħarishiex mill-ħtieġa daqstant ewlenija li hi tkun parti lejali fil-proċediment li jkun u li jekk xi pass proċedurali jkun vantaġġ jew jedd tagħha, tinqeda bih fil-waqt xieraq biex ikun jista' jserviha aktar 'il quddiem, jekk ikun il-każ. Huwa għalhekk li aktar 'il fuq ingħad li t-tiftix dwar l-eżistenza ta' rimedju ordinarju xieraq jinkludi dawk li kienu disponibbli lill-parti u, għal raġuni jew oħra li tiddependi minnha, ma ħadithomx;

Illi fil-każ li l-Qorti għandha quddiemha llum, ma jridx jintesa, kif sewwa jgħid l-intimat fit-Tweġiba tiegħu, li t-tressiq tal-mandati ("*warrants*") fl-atti proċesswali tal-kumpilazzjoni sar fuq insistenza tal-imputati, fosthom ir-rikorrent, u dwar dan baqgħu jisħqu minkejja l-oppożizzjoni tal-intimat. Wara li l-Qorti tal-Maġistrati ordnat li l-mandati kollha jiddaħħlu fl-atti tal-kumpilazzjoni, kull wieħed mill-imputati, magħdud ir-rikorrent, u d-difensuri tagħhom, kellhom kull fakulta' li jikkonstataw dawk id-dokumenti u jagħmlu l-aċċertamenti meħtieġa dwar is-siwi tagħhom. Dan ukoll ir-rikorrent sata' għamlu meta ressaq in-Nota tal-Eċċezzjonijiet wara li laqa' n-notifika tal-Att tal-Akkuża maħruġ kontrih, u meta ressaq magħha n-Nota bl-ismijiet tax-xhieda li huwa ried isejjaħ għad-difiża tiegħu[27]. Minn eżami tal-atti, jidher li r-rikorrent indika fl-imsemmija Nota lill-Onorevoli Ministru wkoll bħala wieħed mix-xhud tiegħu. Ta' min jgħid li fost l-eċċezzjonijiet imressqa mir-rikorrent għall-Att tal-Akkuża, hemm waħda li tattakka l-ammissibilita' tal-prova tal-"*warrant*" u oħra li tqanqal il-kwestjoni tal-firem fuq l-imsemmi Mandat[28];

Illi r-rikorrent innifsu jgħid li l-ħtieġa li jsejjaħ b'xhud tiegħu lill-Ministru ħarġet meta "l-avukat difensur kien qiegħed

[27] Art. 438(2) tal-Kap 9
[28] Paġ. 13 tal-Att tal-Akkuża

jeżamina bir-reqqa l-proċess". Fi kliem ieħor, ir-rikorrent jistqarr li r-raġuni tiegħu għas-sejħa tal-imsemmi xhud kienet toħroġ minn att jew dokumenti li kienu jinsabu fil-proċess sa minn qabel u li, għal raġuni jew oħra, ma kienx qieshom sewwa aktar qabel;

Illi, min-naħa l-oħra, ċ-ċaħda tal-Qorti Kriminali li tħallih iressaq l-imsemmi xhud fit-trattazzjoni tal-eċċezzjonijiet preliminari, hija msejsa fuq raġuni li tirrispetta dak li jiġri fil-prattika u mtenni fid-duttrina. Ir-raġuni mogħtija mill-Qorti Kriminali fid-degriet tagħha tat-28 ta' Frar, 2012, biex ċaħdet it-talba tar-rikorrent hija waħda li tirrifletti tħaddim ta' regoli aċċettati proċedurali li l-qrati ilhom japplikaw għal żmien. Għall-kuntrarju ta' dak li jgħid ir-rikorrent fin-Nota ta' Sottomissjonijiet tiegħu, meta l-Qorti Kriminali tat id-degriet tagħha li ċaħad it-talba tar-rikorrent għat-tressiq tal-ministru bħala xhud, dik il-Qorti tat u semmiet ir-raġuni li għaliha ċaħdet it-talba. L-għoti tar-raġuni (minkejja li telegrafika daqskemm skjetta) jxejjen l-allegazzjoni li ċ-ċaħda saret "mingħajr ma ngħata raġuni" u li b'hekk ukoll bi ksur tal-jedd tiegħu għal smigħ xieraq taħt il-Kostituzzjoni u taħt il-Konvenzjoni;

Illi, b'żieda ma' dan kollu, il-liġi nnifisha tagħti li l-parti akkużata taħt l-Att tal-Akkuża tista' wkoll, meta tagħti raġuni tajba, titlob lill-Qorti Kriminali tħalliha tressaq xhud li ma tkunx semmiet fin-Nota tagħha man-Nota tal-Eċċezzjonijiet[29] u dan minkejja li t-talba tkun saret wara li jkun għalaq iż-żmien li fih kellha titressaq dik in-Nota tal-Eċċezzjonijiet. Ma jidhrix li r-rikorrent għandu għalfejn jiddependi fuq l-imsemmija dispożizzjoni għaliex, kif ingħad, indika lix-xhud fost ix-xhieda li jrid iressaq;

Illi l-imsemmi degriet kien wieħed interlokutorju u bl-ebda mod ma iddeċieda fil-mertu l-każ tar-rikorrent, li l-jeddijiet tiegħu biex jiddefendi l-każ tiegħu baqgħu bla mittiefsa għal kull fażi proċedurali li għad fadal titwettaq fit-tmexxija tal-każ tiegħu. Dan ifisser li ċ-ċaħda ta' t-talba proċedurali tiegħu li ma ntlaqgħetx hija waħda li, fi stadju ulterjuri u fil-waqt xieraq, l-istess rikorrent għadu jista' jitlob rimedju

[29] Art. 440(3)(4)(5) tal-Kap 9

dwarha. Il-fatt li fl-istadju li wasal il-każ tiegħu s'issa l-Qorti Kriminali qieset li ma kellhiex tisma' x-xhud li talab ir-rikorrent, ma jfissirx li dak ix-xhud m'huwiex sejjer jinstema' u lanqas ma jfisser li dik il-Qorti diġa' qieset li x-xhud m'huwiex ammissibbli fl-ebda stadju jekk l-akkużat jogħġbu jitlob li jitressaq b'xhud tiegħu. Il-motivazzjoni tad-degriet impunjat tagħmilha ċara li ċ-ċaħda tat-talba għat-tressiq tal-imsemmi xhud tintrabat mal-istadju tas-smigħ li fih saret dik it-talba (stadju tat-trattazzjoni tal-eċċezzjonijiet preliminari) u mhux b'riferenza għal kull stadju ieħor li fadlilha l-kawża taħt l-Att tal-Akkuża. Bilkemm għandu għalfejn jingħad li jekk kemm-il darba l-eċċezzjonijiet preliminari tar-rikorrent m'humiex sejrin jintlaqgħu, huwa għad fadallu wkoll ir-rimedju ta' appell għal quddiem il-Qorti tal-Appell Kriminali mis-sentenza li tkun hekk ingħatat. F'ċirkostanza bħal din, wieħed qajla jista' jgħid – kif jgħid ir-rikorrent – li d-degriet se' jkun jikser il-prinċipju tal-ħaqq naturali tal-*audi et alteram partem* jew il-prinċipju l-ieħor daqstant ewlieni tal-*equality of arms*;

Illi fill-qasam tal-istħarriġ tal-eżistenza ta' rimedji oħrajn xierqa, jinsab stabilit li "*With respect to the way in which and the time-limits within which proceedings must be instituted, national law is decisive. If in his appeal to a national court an applicant has failed to observe the procedural requirements or the time-limits, and his case has failed to observe the procedural requirements or the time-limits, and his case has accordingly been rejected, the local remedies rule has not been complied with. ... The interpretation and application of the relevant provisions of national law in principle belong to the competence of the national authorities concerned*"[30]. Dak li jingħad dwar it-teħid tar-rimedji quddiem l-awtoritajiet nazzjonali qabel ma wieħed jista' jmexxi każ quddiem il-Qorti ta' Strasbourg[31] jidher li jista', fil-qafas ġenerali, jgħodd ukoll għall-kwestjoni tat-teħid tar-rimedji "ordinarji" qabel ma wieħed jmexxi 'l quddiem bil-proċedura speċjali tal-ilment dwar ksur ta' jedd fondamentali quddiem il-Qrati nazzjonali;

[30] Van Dijk, van Hoof, van Rijn, Zwaak *op cit*, pġ. 134
[31] Ara art. 35(1) tal-Konvenzjoni

Illi, wara li l-Qorti għamlet dawn il-konsiderazzjonijiet kollha, hija tasal għall-fehma li l-intimat taha raġunijiet tajba biżżejjed biex tilqa' l-istedina tiegħu li tagħżel li ma twettaqx is-setgħat kostituzzjonali tagħha biex tisma' l-każ imressaq quddiemha mir-rikorrent, u dan għar-raġuni li r-rikorrent kellu u għad fadallu rimedji oħrajn tajba dwar l-ilment tiegħu.  Għalhekk, il-Qorti sejra tilqa' l-eċċezzjoni preliminari;

Illi ladarba l-Qorti waslet fil-fehma li tagħżel li ma twettaqx is-setgħat tagħha biex tisma' l-kawża, ma jifdal l-ebda ħtieġa (ħlief dik akkademika) li tgħaddi biex tqis ukoll l-**eċċezzjoni preliminari l-oħra li l-azzjoni tar-rikorrent hija waħda fiergħa u vessatorja**;

Għal dawn ir-raġunijiet, il-Qorti qiegħed taqta' u tiddeċiedi billi:

**Tilqa' t-tielet eċċezzjoni preliminari tal-intimat** u taċċetta l-istedina tiegħu li l-Qorti tagħżel li ma twettaqx is-setgħat tagħha li tisma' l-kawża skond il-*proviso* tal-artikolu 46(2) tal-kostituzzjoni u l-*proviso* tal-artikolu 4(2) tal-Kapitolu 319 tal-Liġijiet ta' Malta  u dan għar-raġuni li r-rikorrent ma nqediex bir-rimedji "ordinarji" mogħtija lilu mil-liġi qabel ma fittex il-proċedura bil-kawża tallum;

**Tastjeni milli tqis il-ħames eċċezzjoni preliminari dwar jekk l-azzjoni tar-rikorrent hijiex waħda fiergħa u vessatorja**, fid-dawl tad-deċiżjoni dwar l-eċċezzjoni ta' qabilha; u

**Teħles lill-intimat** milli jibqa' aktar fil-kawża, **bl-ispejjeż kontra r-rikorrent.**

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------